## L-EWWEL IMRAR

*Fejn int sejjer, ħabib?*
*It-triq twila w imwiegħra!...*
*Kemm hu tqil is-salib*
*Ta' dil-ħajja hekk fiergħa!*

*Qalb żagħżugħa ħabbitek,*
*Fik il-hena ttamat,*
*U bi ħrara bisitek;*
*Fi tjubitek hi fdat.*

*La tistmerrx min iħobbok;*
*Għadek żgħir u bla dehen...*
*Aħseb sew, jien nitolbok;*
*Isma' 'l min lilek għen.*

*Issa, minnhom, trid titlaq;*
*Żewġt iqlub minfudin;..*
*Biex ftit ferħ inti tisraq*
*Waqt li huma mnikktin!...*

*Taf x'inhi, qalb ta' Omm*
*Li se tniffed u teqred?...*
*Qatt tpaxxejt b'dak il-fomm*
*Li minn ħajtek trid tifred?...*

*Għall-ġid tiegħek jien ħdimt...*
*W issa lili stmerrejt!*
*Aħjar kien li jien fhimt*
*F'lok li lilek ħabbejt!...*

*Żagħżugħ tari w bla ħjiena*
*La tkunx vittma tal-ħbieb!...*
*Lil min ħabbek bil-ħniena*
*La tagħlaqx f'wiċċu l-bieb!...*

25.iv.64

BR. VICTOR, F.S.C.